**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 103/12/8VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**

**Illum 25 ta' Mejju 2023**

**It-Tribunal,**

Ra l-appell ippreżentat minn XXX quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fit-18 ta' Diċembru 2009, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-istima maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07 tiġi mħassra u kkanċellata, inkluż il-penali amministrattiva u imgħax hemm imposti fuqu;

Ra l-istima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront ta' XXX għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07, annessa mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-appell ta' XXX mill-istima maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07[1], permezz ta' liema jopponi għall-imsemmi appell u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stima għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07 tiġi ikkonfermata in kwantu l-likwidazzjoni ta' taxxa għall-imsemmi perijodu ta' taxxa hija ġusta;

Ra t-Tax Audit Report imħejji fil-konfront ta' XXX mit-Tax Compliance Unit anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

Ra d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" mogħtija fit-8 ta' Frar 2011[2];

[1] Peress illi quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud l-appelli ppreżentati minn Hector Carter ġew trattati bħala appell wieħed, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ippreżenta Risposta, b'dokumenti annessi, waħda, u din tinsab fir-Rikors fl-ismijiet "Hector Carter v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" bin-Numru 103/12.
[2] Fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet "Hector Carter v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" Nru. 103/12.

Ra d-dikjarazzjoni ta' XXX datata 17 ta' Ottubru 2011, permezz ta' liema għarraf lill-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud illi kien ġie ntavolat appell, bin-Numru 8/2011, mid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni[3];

Ra li dawn il-proċeduri baqgħu pendenti għal diversi snin, senjatament mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur sal-11 ta' Ottubru 2016, in kwantu l-partijiet iddikjaraw li dawn il-proċeduri kellhom jistennew l-eżitu ta' diversi proċeduri istitwiti minn XXX, senjatament l-appell mid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni u proċeduri kostituzzjonali bin-numru 52/2015;

Ra li b'Digriet datat 11 ta' Ottubru 2016[4], in segwitu għal talba tal-Kummissarju tat-Taxxi għall-prosegwiment ta' dawn il-proċeduri stante li ma hemmx lok li t-Tribunal jissoprassjedi pendenti l-eżitu ta' proċeduri oħra li XXX jista' għandu quddiem il-Qrati Maltin, it-Tribunal laqa' t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi u ordna l-prosegwiment tal-proċeduri;

Ra l-affidavit ta' XXX esebit minnu stess permezz ta' Nota ppreżentata fil-31 ta' Ottubru 2017 a fol. 70 sa' 74 tar-Rikors fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" bin-Numru 103/12, sema' x-xhieda ta' Michael Debrincat, rappreżentant tat-Tax Compliance Unit, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2018[5], u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MD" a fol. 78 sa' 88 tar-Rikors fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" bin-Numru 103/12 u sema' x-xhieda ta' Mark Mallia, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2018[6] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GV" a fol 91 sa' 99 tar-Rikors fl-ismijiet "XXX v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" bin-Numru 103/12;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' XXX a fol. 45 sa' 49 tal-proċess u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 53 sa' 87 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta stima maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07 permezz ta' liema qed jiġi mitlub iħallas is-somma ta' €6,867.00 rappreżentanti taxxa (konsistenti fis-somma ta' €6,862.00 rappreżentanti output tax u fis-somma ta' €5.00 rappreżentanti input tax), flimkien mas-somma ta' €1,373.40 rappreżentanti taxxa amministrattiva u is-somma ulterjuri ta' €2,260.93 rappreżentanti imgħax, komplessivament ammontanti għal **€10,501.33**[7]. Huwa jitlob li l-imsemmija stima, inklużi t-taxxa amministrattiva u l-imgħax, tiġi mħassra u ikkanċellata stante li: A - Punti ta' Liġi: (1) l-istima in kwistjoni ma ħarġitx *properly, reasonably u fairly*; (2) l-istima u l-mod kif inħarġet, jivvjolaw il-prinċipji ta' ġustizzja naturali għaliex ma hijiex adegwatament motivata u sustanzjata kif imiss u in oltre huwa ma ngħatax smigħ xieraq; (3) huwa għaddej minn sitwazzjoni personali immensament diffiċli u l-istima in

---

[3] *Ibid.*
[4] Fol. 18 sa' 23 tal-proċess.
[5] Fol. 34 tal-proċess.
[6] Fol. 36 sa' 38 tal-proċess.
[7] Stima annessa mar-Rikors promotur a fol. 4 tal-proċess.

kwistjoni hija frott ta' disgwid; (4) l-istima hija bbażata fuq apprezzament legali żbaljat tal-fattispecie tal-każ; B - Punti ta' fatt: (1) dak li ġie dikjarat fl-istima ma huwiex korrett; (2) l-istima hija bbażata fuq apprezzament żbaljat tal-fatti; (3) dak li huwa ddikjara fid-denunzja tat-taxxa tiegħu ġie dikjarat skond id-dokumenti li kellu f'idu; (4) it-taxxa pretiża, penali amministrattivi u imgħax mhumiex dovuti għaliex huwa ma għamilx il-provvisti u ma ffatturax l-ammonti li tirreferi għalihom l-istima.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, jikkontesta ll-appell tar-Rikorrenti mill-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stima tiġi ikkonfermata stante li l-likwidazzjoni ta' taxxa għall-perijodu in kwistjoni hija ġusta.

Ir-Rikorrent jisħaq li l-Kummissarju tat-Taxxi ma rnexxilux jipprova li l-istima minnu maħruġa kontrih hija effettivament korretta u ġusta. In effetti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu jikkontendi li *kollox beda minn investigazzjoni li saret mit-Tax Compliance Unit kontra r-rikorrent XXX datat is-26 ta' Marzu 2009 fejn l-uffiċjali wettqu desk analysis ta' x'immaġinaw li seta' qala' r-rikorrenti u ħarġulu stejjem pjuttost mlaħħmin fuq dan l-eżerċizzju. Illi r-rikorrenti minn dejjem ikkwerela l-proċess li bih wasal għall-istejjem il-Kummissarju appellat u l-mod kif ġew mgħawġin prinċipji fondamentali ta' l-esponenti waqt il-proċess kollu ta' l-istejjem. Illi jiġi spjegat li l-esponenti kien jiġġestixxi l-attività ekonomika billi li jimporta l-birra u xorb ieħor f'Malta. Illi fiż-żmien li kien beda l-importazzjoni tal-birra estera, is-suq kien totalment dominat mill-birra lokali ta' Farsons p.l.c. u minn żewġ ditti intermazzjonali tal-birra, senjatament Heineken u Budweiser. Sabiex jippenetra s-suq lokali, u bil-għan li jinkoraġixxi lill-klijenti jidraw it-togħma tal-birra tiegħu, l-esponenti kien adotta l-mudell ta' marketing li jagħti diversi ammonti ta' birra b'xejn. Illi f'Marzu 2009, kien sar Tax Audit Report mit-Tax Compliance Unit (TCU) fejn ġie rinfaċċjat bi stima totali ta' €429,301.32, liema somma hija korretta sad-data ta' Marzu 2009 u llum, li għaddew kważi 10 snin, din kompliet tiżdied bl-applikazzjoni tal-multi u ta' l-interessi. Illi saż-żmien tar-rapport u anke fl-appell li sar ai termini tal-Liġi, il-metodoloġija użata mill-awdituri flimkien mas-sorsi tal-informazzjoni kienu nżammu kompletament għall-oskur ta' l-esponenti. Illi di più, minkejja li l-Kummissarju intimat eċċepixxa li l-likwidazzjoni għaż-żminijiet tat-taxxa huma ġusti u jimmeritaw li jiġu kkonfermati, l-istess Kummissarju ma ressaq ebda prova f'dawn il-proċeduri sabiex jissostanzja dan l-argument. Illi filwaqt li huwa prinċipju bażilari illi fi proċeduri ta' natura ċivili, kull min jallega jrid jipprova, huwa llum stabbilit li proċeduri bħalma huma dawk odjerni, fejn il-konsegwenzi huma serji, għandhom jitqiesu li huma ta' natura kważi-penali. ... Illi ġjaladarba l-istima tat-taxxa dovuta, flimkien mal-penali amministrattivi u l-interessi għandhom jitqiesu bħala penali, il-proċediment għandu jkollu l-garanziji rikjesti għall-proċedimenti penali, fosthom ukoll li l-Kummissarju kellu jipprova l-każ tiegħu, aktar milli l-appellant jipprova l-innoċenza tiegħu. Illi fil-fatt, l-appellant diġa safa' vittma ta' dan il-ksur tad-dritt fundamentali tiegħu ta' l-innoċenza meta l-Bord ta' l-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, b'deċiżjoni datata t-8 ta' Frar 2011, għadda għal deċiżjoni abbażi tal-fatt li r-rikorrenti ma rnexxilux jipprova l-innoċenza tiegħu! Mela allura, il-Kummissarju intimat jippretendi li jivvanta stima fuq taxpayer irrispettivament minn jekk tali stima hijiex waħda reali jew waħda assurda, jimponi l-istess stima fuq it-taxpayer bil-multi u l-interessi (li dejjem jitilgħu irrispettivament minn kwalsijasi proċeduri) u di più, jekk it-taxpayer jikkontesta l-istima, irid jipprova hu li l-Kummissarju kien assurd fl-istima tiegħu. Dan huwa proprju dak li ġara fil-każ tar-rikorrenti appellant, fejn Carter kellu jiddefendi*

*lilu nnfisu minn stejjem assurdi magħmula mill-uffiċjali tat-Tax Compliance Unit mingħajr ma lanqas kien jaf minn fejn inkisbu l-figuri wżati fir-rapport*[8].

Ai termini tal-Partita 2(2) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, f'appelli minn stimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi, già Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, istitwiti quddiem dan it-Tribunal *ikun dmir ta' l-appellant* (ossia t-taxpayer) *li jġib prova li xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju jkun eċċessiv jew li xi kreditu li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx suffiċjenti.* Minkejja tali prinċipju legali, jinsab ormai stabbilit li f'tali proċeduri, fejn l-istima maħruġa fil-konfront tat-taxpayer tkun tinkludi wkoll taxxa amministrattiva, japplikaw il-prinċipji enunċjati fil-*criminal limb* ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Dan il-prinċipju jsib il-bażi tiegħu f'dak ormai ben stabbilit fid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR), li fejn tiġi imposta *tax surcharge* fuq it-*taxpayer*, tiġi kkreata sitwazzjoni li hija affini għal akkuża kriminali bil-konsegwenza għalhekk li għandu japplika *the criminal limb* ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

A bażi ta' tali prinċipju mhux l-ewwel darba li rikorrent fi proċeduri fiskali istitwiti quddiem it-Tribunal jitlob deroga minn dak provdut fil-Partita 2(2) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, billi jitlob l-inverżjoni tal-provi sabiex ikun il-Kummissarju tat-Taxxi l-ewwel li jressaq il-provi in sostenn ta' l-istima/i minnu maħruġa fil-konfront tar-rikorrent - talba però li fil-każ in eżami ma sartix u r-Rikorrent odjern għażel li jistrieħ biss fuq ir-retorika li: għadu ma jafx minn liema għejun u fuq liema informazzjoni t-Tax Compliance Unit ibbażat il-konklużżjonijiet tagħha u per konsegwenza ma jafx fuq liema bażi l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ħareġ l-istima fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07, li ġie mġiegħel jipprova l-innoċenza tiegħu u li b'hekk inksirulu d-drittijiet fondamentali tiegħu.

Għalkemm taxpayer għandu favur tiegħu l-preżunzjoni ta' l-innoċenza, l-ebda Qorti jew Tribunal fil-każ in eżami, ma jista' jwarrab kull forma ta' prova prodotta quddiemu mill-Kummissarju tat-Taxxi u minflok b'mod awtomatiku u akkost ta' kollox jillibera lit-taxpayer minn kull responsabilità fiskali, hekk kif invece r-Rikorrent kjarament jippretendi li għandu jsir. Għad illi abbażi tal-prinċipju tal-perżunzjoni ta' l-innoċenza, it-taxpayer għandu d-dritt għas-silenzju u dana sabiex ma jinkriminax ruħu, jekk huwa jagħżel li jinvoka u jużufruwixxi minn tali dritt, ma jistax imbagħad jippretendi li kull investigazzjoni esegwita kontrih u kull konklużjoni raġġunta kontrih b'riżultat ta' l-istess investigazzjoni, u kwalunkwe deċiżjoni eventalment mogħtija, huma erroneji u inġusti għaliex huwa ma tax il-kontribut u/jew il-verżjoni tal-fatti tiegħu għall-istess. Bl-istess mod, minkejja tali dritt għas-silenzju tal-persuna soġġetta għal investigazzjoni u konsegwenti proċeduri ta' natura jew xejra kriminlai, huwa prinċipju daqstant ieħor stabbilit li meta dik l-istess persuna tagħżel li għall-akkużi dedotti kontriha tirribatti b'difiża speċifika - fil-każ in eżami d-difiża tar-Rikorrent hi li huwa ta ammonti sostanzjali ta' fliexken tal-birra b'xejn biex seta' jippenetra s-suq in kwistjoni u allura qatt ma seta' għamel il-bejgħ stmat mit-Tax Compliance Unit - tali persuna allura għandha tipprova dak minnha allegat sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma tilħqux allura tkun qed ixxejjen dak minnha allegat.

Ir-Rikorrent jisħaq li ma jafx minn fejn it-Tax Compliance Unit ġabet l-informazzjoni a bażi ta' liema ħarġet ir-Rapport tagħha u b'hekk ma jafx fuq liema bażi nħareġ tali

[8] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent, fol. 45 sa' 49 tal-proċess.

Rapport u l-istimi nascenti mill-istess, u konsegwentement tali Rapport u stima/stimi ma jistgħux ikunu ghajr assurdi u għakollox erroneji. Din il-pretensjoni tar-Rikorrent però hija insostenibbli u għalkollox inaċċettabbli fuq diversi livelli.

Jibda biex jingħad li r-Rikorrent konvenjentement jinjora l-fatt li matul l-investigazzjoni tat-Tax Compliance Unit u anke fl-istadju tar-Review mill-istimi proviżorji maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kien hu li b'mod għalkollox volontarju għażel li ma jgħaddix informazzjoni u dokumentazzjoni lit-Tax Compliance Unit li allura neċessarjament kellha iddur għal sorsi oħra biex iġġib informazzjoni u *data* għall-fini li tesegwixxi l-investigazzjoni tagħha[9]. X'jippretendi r-Rikorrent, li għaliex taxpayer jagħżel, bi dritt jew altru, li ma jikkoperax mat-Tax Compliance Unit jew mad-Dipartiment li jkun qed jinvestigah, allura dik l-investigazzjoni għandha tieqaf hemm! Jekk it-Tax Compliance Unit u/jew id-Dipartiment konċernat kellhom jirraġunaw b'dan il-mod, huma jkunu qed jonqsu bil-kbir mid-doveri statutorji tagħhom.

Għalkemm ir-Rikorrent għadu sa' llum jsostni li ma jafx minn fejn it-Tax Compliance Unit ġabet l-informazzjoni u *data* biex setgħet tinvestigah u b'hekk toħroġ ir-Rapport tagħha dwar tali investigazzjoni, mill-atti proċesswali jirriżulta li r-Rikorrent ilu fiż-żgur mill-2009 a konoxxenza tar-Rapport tat-Tax Compliance Unit li fih id-dettalji kollha ta' l-investigazzjoni tagħhom, inklużi l-għejun u sosri ta' l-informazzjoni ottenuta fil-konfront tiegħu, u dana billi r-Rapport ġie anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għal dan ir-Rikors ta' l-Appell tar-Rikorrent. Dejjem mill-atti proċesswali, u senjatament mid-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni datata 8 ta' Frar 2011, jirriżulta li r-Rapport tat-Tax Compliance Unit kien ġie esebit f'dawk il-proċeduri wkoll fl-2010 flimkien mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għal dak l-appell - proċeduri li mill-atti stess jirriżulta li ġew ikkontestati anke quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) u quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali). Altru milli r-Rikorrent għadu sa' llum ma jafx kif it-Tax Compliance Unit mexxiet l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu, minn fejn ġabet l-informazzjoni u *data* biex tesegwixxi tali investigazzjoni u x'inhi l-bażi tar-Rapport tagħha u tal-konsegwenti stima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07.

Mir-Rapport tat-Tax Compliance Unit[10], konfermat mir-rappreżentant ta' l-istess Unit Micheal Debrincat[11], jirriżulta li l-perijodi ta' taxxa taħt investigazzjoni għall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur miżjud kienu mill-1 ta' Settembru 2004 sal-31 ta' Lulju 2008. L-Uffiċjali tat-Tax Compliance Unit inkarigati minn tali investigazzjoni kkonstataw u ikkonkludew is-segwenti: ***Analytical Review*** - ... *we have also* (in kwantu huma investigaw lir-Rikorrent anke mill-aspett ta' taxxa fuq l-income) *reviewed the VAT declarations for analytical review purposes as follows:*

[9] Vide xhieda ta' Michael Debrincat, rappreżentant tat-Tax Compliance Unit, mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2018 a fol. 34 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MD" a fol. 78 sa' 88 tar-Rikors fl-ismijiet "Hector Carter v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" bin-Numru 103/12 u vide wkoll xhieda ta' Mark Mallia, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2018 a fol. 36 sa' 38 tal-proċess u id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GV" a fol. 91 sa' 99 tar-Rikors fl-ismijiet "Hector Carter v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" bin-Numru 103/12.
[10] Anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.
[11] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2018, fol. 34 tal-proċess.

| VAT Period From | To | Net Sales Lm | Net Purchases Lm | Gross Profit (Loss) Lm | Mark Up % | Net Overheads Lm | Net Profit Loss Lm | Net VAT Paid/ Claimed Lm |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1-Sep-04 | 30-Apr-05 | 53,517 | 53,061 | 456 | 0.86% | 150 | 306 | 55 |
| 1-May-05 | 31-Jul-05 | 52,350 | 48,633 | 3,717 | 7.64% | 3,520 | 197 | 35 |
| 1-Aug-05 | 31-Oct-05 | 60,486 | 58,029 | 2,457 | 4.23% | 2,150 | 307 | 56 |
| 1-Nov-05 | 31-Jan-06 | 30,499 | 30,151 | 348 | 1.15% | 112 | 236 | 43 |
| 1-Feb-06 | 30-Apr-06 | - | - | - | - | - | - | - |
| 1-May-06 | 31-Jul-06 | | 6,467 | (6,467) | 100% | - | (6,467) | (1,164) |
| 1-Aug-06 | 31-Oct-06 | | 56,408 | (56,408) | 100% | - | (56,408) | (10,154) |
| 1-Nov-06 | 31-Jan-07 | 36,508 | 3,039 | 3,469 | 10.50% | - | 3,469 | 624 |
| 1-Feb-07 | 30-Apr-07 | 53,406 | 48,330 | 5,076 | 10.50% | 306 | 4,770 | 859 |
| 1-May-07 | 31-Jul-07 | 147,655 | 134,068 | 13,587 | 10.13% | 2,408 | 11,179 | 2,013 |
| 1-Aug-07 | 31-Oct-07 | 102,707 | 95,805 | 6,902 | 7.20% | - | 6,902 | 1,242 |
| 1-Nov-07 | 31-Dec-07 | 57,348 | 52,528 | 4,820 | 9.18% | 470 | 4,350 | 783 |
| 1-Jan-08 | 31-Jan-08 | 33,010 | 29,619 | 3,391 | 11.45% | 3,097 | 295 | 54 |
| 1-Feb-08 | 31-Apr-08 | 65,105 | 48,578 | 16,527 | 34.02% | 2,497 | 14,030 | 2,526 |
| 1-May-08 | 31-Jul-08 | 151,593 | 107,061 | 44,533 | 41.60% | 9,790 | 34,742 | 6,254 |
| | | | | | | | | |
| **TOTAL TO 31/7/08** | | **844,184** | **801,777** | **42,408** | **5.29%** | **24,500** | **17,908** | **3,225** |
| | | | | | | | | |
| **TOTAL TO 31/1/08** | | **627,486** | **646,138** | **(18,652)** | **(2.89%)** | **12,213** | **(30,864)** | **(5,554)** |

*As can be noted above, up to 31/1/08, the taxpayer reported a negative gross markup of 2.89% after 41 months in operation and after purchasing Lm646,138 worth of goods. Additionally, the taxpayer was refunded Lm5,554 in VAT. Subsequently, the following submission of the last two VAT returns up to 31/7/08 as detailed above, a material shift in the taxpayer's reporting was noted. In fact, the taxpayer declared a positive gross mark up of 34% and 42% respectively, contrary to the previous months, possibly after VAT and TCU officials contact.* ***Audit Findings and Conclusions*** *- The following table summarises the tax audit findings. A more detailed analysis of the audit tests performed and findings are explained further in the following paragraphs.*

| Basis Year | Details of findings | Amount assessed for VAT | Ref | Amount assessed for Income Tax | Ref | Total ECO Contribution | Ref |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Lm | Table No. | Lm | Table No. | Lm | Table No. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *2005* | *Undeclared sales* | *104,646 6* | *85,188 5* | *-* |
| *2005* | *Undeclared purchases* | *(21,576) 6* | *(14,874) 5* | *-* |
| *2005* | *Undeclared ECO Contribution* | *-* | *-* | *16,764 7* |
| | | | | |
| *2006* | *Undeclared purchases* | *83,285 6* | *132,820 5* | *-* |
| *2006* | *Over/(Undeclared ) purchases* | *22,131 6* | *(81,285) 5* | *-* |
| *2006* | *Undeclared ECO Contribution* | *-* | *-* | *2,879 7* |
| | | | | |
| *2007* | *Undeclared sales* | *118,920 6* | *481,386 5* | *-* |
| *2007* | *Over/(Undeclared ) purchases* | *13,197 6* | *(333,369) 5* | *-* |
| *2007* | *Undeclared ECO Contribution* | *-* | *-* | *33,624 7* |
| | | | | |
| *2008* | *Undeclared sales* | *15,548 6* | *-* | *-* |
| *2008* | *Undeclared purchases* | *(2,571) 6* | *-* | *-* |
| *2008* | *Undeclared ECO Contribution* | *-* | *-* | *23,540 7* |

*As per Table 1 above, the taxpayer has been assessed on undeclared sales and purchases following a mark up exercise which was* ***mainly based on the taxpayer's actual purchases as per Customs & NSA declarations***[12]*. Additionally, since the trading activity of the taxpayer was mainly related to the importation and sale of beer bottles and containers, he was also assessed on the ECO contributions due. As already stated in Section A, the taxpayer did not cooperate with us. In fact, the taxpayer attended only the first meeting held on 20 August, 2008 at the TCU offices. During such meeting we had requested him to produce the accounting records but, despite several verbal and written reminders sent to him and to his accountant, Mr. Dunstan Magro, no records were presented to us for review. A 'final' letter was sent on 8 October 2008 whereby the taxpayer was given another two weeks to produce the outstanding documentation. Following no response, we had no option but to proceed with our audit testing and raise the respective assessments. It is also to be pointed out that prior to our commencement of our tax audit, the VAT officials had already initiated an investigation on the taxpayer, especially due to the fact that he was not even registered for ECO purposes. They had also tried to contact the taxpayer several times to no avail. The VAT officials then stopped their review work when we took over the case.* ***Detailed Tax Audit Findings - Extrapolation of Sales following a mark up exercise -*** *We have commenced our audit testing by first of all establishing the amount of the taxpayer's purchases during our period under review. The majority of the taxpayer's*

[12] Enfasi tat-Tribunal.

*purchases consisted of the importation of 'Bavaria' Beer from the Netherlands. Since beer is considered as an 'excise' good, it is subject to Duty and VAT upon importation. Hence, the importer is obliged to report such purchases for Customs purposes also even though such goods are coming from the EU. We have therefore obtained* ***a detailed list of CES beer imports from the Customs Department for the period 2004 to 2008***[13]*. The taxpayer also purchased from abroad some non-excise goods like water and other non-alcoholic beverages. We have* ***therefore accessed the NSA/Intrastat database in order to extract the respective acquisitions***[14]*. Such goods were acquired from within the EU, ie not subject to VAT and hence were not captured in the CES system. We have attempted to reconcile the purchases as per VAT returns' declarations with the Customs and NSA/Intrastat databases and the local purchases as per VAT Department's file (following a VAT credit control check performed in 2006). Several differences were noted.* ***Since we did not have any information on the VAT workings done by the taxpayer, we decided to rely on the Customs and Intrastat/NSA declarations in order to determine the amount of the taxpayer's imports and on the VAT Department's file for the taxpayer's local purchases***[15]*. In order to extrapolate the deemed taxpayer sales, we needed to calculate the % mark up in order to apply it on the above purchases. We have therefore* ***segregated the imports data in accordance with their respective HS Codes and noted down the total number of units and total cost on a yearly basis and then calculated the weighted cost/unit****. Subsequently, we have performed* ***several audit trail tests with the potential customers of the taxpayer in order to obtain the selling prices of the products sold. We had positive replies from two of the taxpayer's customers and which were limited only to the beer products sold. We have then compared the lowest beer selling price/unit to the above calculated total cost/unit in order to arrive at the gross profit/unit and hence the % mark up***[16]***.*** *As can be noted above, since we had no information on the selling prices of the non-alcoholic beverages (which represented only 3% of the total purchase), we have applied the resultant beer mark up on them as well. The following % mark ups for the 50cl Beer cans resulted:*

| ***Year*** | ***Total cost/unit*** | ***Selling price/unit*** | ***Profit/unit*** | ***% markup*** |
|---|---|---|---|---|
| | *Euros* | *Euros* | *Euros* | |
| *2004* | *0.281* | *0.422* | *0.141* | *50%* |
| *2005* | *0.260* | *0.378* | *0.118* | *45%* |
| *2006* | *0.220* | *0.378* | *0.158* | *72%* |
| *2007* | *0.240* | *0.363* | *0.123* | *52%* |
| *2008* | *0.252* | *0.363* | *0.111* | *44%* |

*Following the above calculations, we have worked out the projected sales on a yearly basis for income tax purposes and on VAT return period basis for VAT purposes respectively as follows:*

[13] Enfasi tat-Tribunal.
[14] Enfasi tat-Tribunal.
[15] Enfasi tat-Tribunal.
[16] Enfasi tat-Tribunal.

…

| *Vat Return Period From To* | *Excise Goods as per Customs Lm* | *Non-Excise Goods as per NSA Lm* | *Local Purchases as per VAT file Lm* | *Total Lm* | *5% Stock Losses Lm* | *Total Net Lm* | *Proj. Markup %* | *Proj. Sales Lm* |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *1-Sep-04 30-Apr-05* | *48,166* | *5,035* | *-* | *53,201* | *2,660* | *50,541* | *45%* | *73,284* |
| *1-May-05 31-Jul-05* | *73,686* | *10,116* | *-* | *83,752* | *4,188* | *79,564* | *45%* | *115,368* |
| *1-Aug-05 31-Oct-05* | *59,497* | *283* | *-* | *59,780* | *2,989* | *56,791* | *45%* | *82,347* |
| *1-Nov-05 31-Jan-06* | *8,026* | *-* | *-* | *8,026* | *401* | *7,625* | *45%* | *11,056* |
| *1-Feb-06 30-Apr-06* | *-* | *-* | *-* | *-* | *-* | *-* | *72%* | *-* |
| *1-May-06 31-Jul-06* | *6,467* | *-* | *-* | *6,467* | *323* | *6,144* | *72%* | *10,567* |
| *1-Aug-06 31-Oct-06* | *12,572* | *-* | *43,830* | *56,402* | *2,820* | *53,582* | *72%* | *92,161* |
| *1-Nov-06 31-Jan-07* | *45,081* | *-* | *-* | *45,081* | *2,254* | *42,827* | *72%* | *73,662* |
| *1-Feb-07 30-Apr-07* | *48,319* | *-* | *-* | *48,319* | *2,416* | *45,903* | *52%* | *69,773* |
| *1-May-07 31-Jul-07* | *120,791* | *539* | *-* | *121,330* | *6,067* | *115,264* | *52%* | *175,201* |
| *1-Aug-07 31-Oct-07* | *87,549* | *-* | *-* | *87,549* | *4,377* | *83,172* | *52%* | *126,421* |
| *1-Nov-07 31-Dec-07* | *48,833* | *673* | *-* | *49,506* | *2,475* | *47,031* | *52%* | *71,487* |
| *1-Jan-08 31-Jan-08* | *25,867* | *5,458* | *-* | *31,325* | *1,566* | *29,759* | *44%* | *42,853* |
| *1-Feb-08 30-Apr-08* | *48,639* | *463* | *-* | *49,102* | *2,455* | *46,647* | *44%* | *67,172* |
| *1-May-08 31-Jul-08* | *113,323* | *150* | *-* | *113,473* | *5,674* | *107,799* | *44%* | *155,231* |
| ***Total*** | ***746,766*** | ***22,717*** | ***43,830*** | ***813,313*** | ***40,665*** | ***772,648*** | | ***1,166,582*** |

…

*We are proposing the following adjustments to be made to the VAT returns:*

| *VAT Period* | | *18% Taxable Sales* | | | *18% Taxable Purchases* | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *From* | *To* | *As Declared Lm* | *As Proposed (Table 4) Lm* | *Increase/ Decrease Lm* | *As Declared Lm* | *As Proposed (Table 4) Lm* | *Increase/ Decrease Lm* |
| *01/09/04* | *30/04/05* | *53,517* | *73,284* | *19,767* | *53,061* | *48,166* | *(4,895)* |
| *01/05/05* | *31/07/05* | *52,350* | *115,368* | *63,018* | *48,633* | *73,636* | *25,003* |
| *01/08/05* | *31/10/05* | *60,486* | *82,347* | *21,861* | *58,029* | *59,497* | *1,468* |
| ***Total 2005*** | | ***166,353*** | ***270,999*** | ***104,646*** | ***159,273*** | ***181,299*** | ***21,576*** |
| | | | | | | | |
| *01/11/05* | *31/01/06* | *30,499* | *11,056* | *(19,443)* | *30,151* | *8,026* | *(22,125)* |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| *01/02/06* | *30/04/06* | - | - | - | - | - | - |
| *01/05/06* | *31/07/06* | - | *10,567* | *10,567* | *6,467* | *6,467* | - |
| *01/08/06* | *31/10/06* | - | *92,161* | *92,161* | *56,408* | *56,402* | *(6)* |
| ***Total 2006*** | | ***30,499*** | ***113,784*** | ***83,285*** | ***93,026*** | ***70,895*** | ***(22,131)*** |
| | | | | | | | |
| *01/11/06* | *31/01/07* | *36,508* | *73,662* | *37,154* | *33,039* | *45,081* | *12,042* |
| *01/02/07* | *30/04/07* | *53,406* | *69,773* | *16,367* | *48,330* | *48,319* | *(11)* |
| *01/05/07* | *31/07/07* | *147,655* | *175,201* | *27,546* | *134,068* | *120,791* | *(13,277)* |
| *01/08/07* | *31/10/07* | *102,707* | *126,421* | *23,714* | *95,805* | *87,549* | *(8,256)* |
| *01/11/07* | *31/12/07* | *57,348* | *71,487* | *14,139* | *52,528* | *48,833* | *(3,695)* |
| ***Total 2007*** | | ***397,624*** | ***516,544*** | ***118,920*** | ***363,770*** | ***350,573*** | ***(13,197)*** |
| | | | | | | | |
| *01/01/08* | *31/01/08* | *33,010* | *42,853* | *9,843* | *29,619* | *25,867* | *(3,752)* |
| *01/02/08* | *30/04/08* | *65,105* | *67,172* | *2,067* | *48,578* | *48,639* | *61* |
| *01/05/08* | *31/07/08* | *151,593* | *155,231* | *15,548* | *107,061* | *113,323* | *6,262* |
| ***Total 2008*** | | ***249,708*** | ***265,256*** | ***15,548*** | ***185,258*** | ***187,829*** | ***2,571*** |

*As can be noted above, since we have based out imported taxable purchases on the Customs/NSA data, as opposed to the taxpayer's VAT declarations, it resulted that in some VAT periods, such purchases were overstated and in other understated accordingly. Likewise, since our extrapolated sales were also based on the above Customs/NSA data, it transpired that in the VAT period 1/11/05 to 31/1/06, our projected sales were less than those declared. We have retained this resulting figure for consistency purposes.*

*...*

*Following the findings as explained earlier in the report, an assessment under the Value Added Tax, 1999 is being proposed to be raised as follows:*

| *Ref* | *Vat Period* | | *Increase/Decrease in Output* | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Table 6* | *From* | *To* | *Taxable Goods/Services at 18%* | | *VAT at 18%* | |
| | | | *(Box 18)* | | *(Box 23)* | |
| | | | *Lm* | *Euro* | *Lm* | *Euro* |
| | *01/09/04* | *30/04/05* | *19,767*<br>*8,288* | *46,045* | *3,558* | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Undeclared 18% taxable sales | 01/05/05 | 31/07/05 | 63,018 | 146,792 | 11,343 | 26,423 |
| | 01/08/05 | 31/10/05 | 21,861 | 50,922 | 3,935 | 9,166 |
| | 01/11/05 | 31/01/06 | (19,443) | (45,290) | (3,500) | (8,152) |
| | 01/05/06 | 31/07/06 | 10,567 | 24,615 | 1,902 | 4,431 |
| | 01/08/06 | 31/10/06 | 92,161 | 214,677 | 16,589 | 38,642 |
| | 01/11/06 | 31/01/07 | 37,154 | 86,546 | 6,688 | 15,578 |
| | 01/02/07 | 30/04/07 | 16,367 | 38,125 | 2,946 | 6,862 |
| | 01/05/07 | 31/07/07 | 27,546 | 64,165 | 4,958 | 11,549 |
| | 01/08/07 | 31/10/07 | 23,714 | 55,239 | 4,268 | 9,943 |
| | 01/11/07 | 31/12/07 | 14,139 | 32,935 | 2,545 | 5,928 |
| | 01/01/08 | 31/01/08 | 9,843 | 22,928 | 1,772 | 4,127 |
| | 01/02/08 | 30/04/08 | 2,067 | 4,815 | 372 | 867 |
| | 01/05/08 | 31/07/08 | 3,638 | 8,474 | 655 | 1,525 |

| Ref | Vat Period | | Increase/Decrease in Input | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Table 6 | From | To | Taxable Goods/Services at 18% | | VAT at 18% | |
| | | | (Box27) | | (Box 34) | |
| | | | Lm | Euro | Lm | Euro |
| | 01/09/04 | 30/04/05 | (4,895) (2,052) | (11,402) | (881) | |
| Undeclared/ (Reversal of Declared) 18% taxable purchases | 01/05/05 | 31/07/05 | 25,003 | 58,241 | 4,501 | 10,483 |
| | 01/08/05 | 31/10/05 | 1,468 | 3,420 | 264 | 616 |
| | 01/11/05 | 31/01/06 | (22,125) (9,277) | (51,537) | (3,983) | |
| | 01/08/06 | 31/10/06 | (6) | (14) | (1) | (3) |
| | 01/11/06 | 31/01/07 | 12,042 | 28,050 | 2,168 | 5,049 |
| | 01/02/07 | 30/04/07 | (11) | (26) | (2) | (5) |
| | 01/05/07 | 31/07/07 | (13,277) | (30,927) | (2,390) | (5,567) |
| | 01/08/07 | 31/10/07 | (8,256) | (19,231) | (1,486) | (3,462) |
| | 01/11/07 | 31/12/07 | (3,659) | (8,607) | (665) | (1,549) |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | *01/01/08 31/01/08* | *(3,752)* | *(8,740)* | *(675)* | *(1,573)* |
| | *01/02/08 30/04/08* | *61* | *142* | *11* | *26* |
| | *01/05/08 31/07/08* | *6,262* | *14,587* | *1,127* | *2,626* |

Mir-Rapport tat-Tax Compliance Unit jirriżulta ferm ċar li l-istess Unit bbażat ruħha fuq informazzjoni u *data* ottenuta minn għejun uffiċjali, senjatament mill-Customs & NSA declarations dwar xiri ta' *excise goods*, ossia l-birra, kif dikjarat mir-Rikorrent stess, mill-NSA/Intrastat database għax-xiri ta' *non-excise goods*, ossia ilma u xorb mhux alkoħoliku, kif dikjarat mill-provdituri tar-Rikorrent u fuq il-file tar-Rikorrent mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud dwar xiri lokali. In kwantu rigwarda l-element tal-bejgħ, it-Tax Compliance Unit otteniet il-prezz li bih ir-Rikorrent biegħ il-birra fis-suq lokali mingħand żewġ klijenti ta' l-istess Rikorrent u f'tali rigward il-Unit ibbażat ruħha fuq l-irħas prezz.

Fid-dawl ta' dan it-Tribunal ma jara assolutament xejn assurd, illoġiku jew skorrett fil-konklużjonijiet raġġunti mit-Tax Compliance Unit u per konsegwenza fl-istima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07, anzi jqis li l-istess konklużjonijiet u konsegwenti stima maħurġa mill-Kummissarju huma ġusti u korretti, iktar u iktar meta r-Rikorrent, għal raġunijiet li jaf huwa biss, ma ressaq l-ebda prova kontra tali stima u in sostenn ta' l-affermazzjoni tiegħu li *l-birra Bavaria kienet ġdida ħafna għas-suq Malti u sibt reżistenza qawwija kemm mis-sidien tal-ħwienet kif ukoll mill-konsumaturi stess, tant li kont kostrett nagħmel perijodu twil ta' żmien nqassam il-birra b'xejn: min-naħa l-waħda tal-ħwienet kienu kollha jippromovuha għax għalihom kienet kollha qligħ u min-naħa l-oħra il-konsumatur kien jixtriha għax kienet bi prezz kompettitiv ħafna. L-ammonti ta' 'bejgħ' li qed jistma' l-Kummissarju tat-Taxxi m'huwiex reali u veritier*[17].

It-Tribunal hawn jirribadixxi li minkejja d-dritt għas-silenzju tal-persuna soġġetta għal investigazzjoni u konsegwenti proċeduri ta' natura jew xejra kriminlai, huwa prinċipju daqstant ieħor stabbilit li meta dik l-istess persuna tagħżel li għall-akkużi dedotti kontriha tirribatti b'difiża speċifika, hekk kif jidher li qed jagħmel ir-Rikorrent meta jikkontendi li kien qassam ammonti notevoli ta' birra b'xejn bil-konsegwenza li ma għamilx il-bejgħ kollu stmat mit-Tax Compliance Unit u per konsegwenza mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, tali persuna allura għandha tipprova dak minnha allegat sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma tilħqux allura tkun qed ixxejjen dak minnha allegat.

Ir-Rikorrent, għal raġunijiet li jaf huwa biss, flok ressaq provi in sostenn ta' dak minnu affermat, tenna l-lanjanzi tiegħu dwar l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-finijiet ta' Eco-Kontribuzzjoni, lanjanzi dawn li ġew trattati u determinati mhux biss mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Eco-Kontribuzzjoni iżda anke mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza pronunċjata wara l-Appell tar-Rikorrent stess bin-Numru 8/11. Apparte minhekk, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu r-Rikorrent issoleva kwistjoni ulterjuri li ma tidher riflessa fl-ebda wieħed mill-aggravji ta' l-appell tiegħu, ossia li t-Tax

[17] Affidavit tar-Rikorrent a fol. 70 sa' 74 tar-Rikors fl-ismijiet "Hector Carter v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" bin-Numru 103/12.

Compliance Unit in kwantu mhux imwaqqfa bil-Liġi, ma għandhiex vires ċar u eżawrjenti u għaldaqstant ma għandhiex ikollha l-poter li tmexxi investigazzjoni ta' natura kważi-penali mingħajr ma l-persuna investigata tkun taf x'inhuma l-poteri investigattivi tagħha.

Għalkemm dan il-punt ma ġiex sollevat mir-Rikorrent b'mod formali fir-Rikors promotur, it-Tribunal xorta waħda se jindirizza u jittratta tali punt.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu r-Rikorrent jissottometti li *jirriżulta li l-investigazzjoni li saret mit-Tax Compliance Unit, saret ad istanza tal-Kummissarju għat-Taxxi. Illi l-Artikolu 53 ta' l-istess Kap.406, madanakollu ma jagħtix lill-istess Kummissarju l-fakoltà li: (i) jiddelega l-poteri tiegħu lil "Unit" jew li (ii) jitlob dokumentazzjoni u jestrapola informazzjoni minn sorsi injoti għat-taxpayer, kif sar f'dan il-każ. Illi di più, it-Tax Compliance Unit m'hu stabbilit bl-ebda liġi u l-unika referenza li ssir għalih fil-Liġi nostrana hija fl-Artikolu 8 u l-Iskeda I tal-Kap.497 fejn hemm elenkati d-Dipartiment tal-Gvern. Illi bid-dovut rispett, huwa inkonċepibbli kif "Dipartiment" tal-Gvern li m'huwiex imwaqqaf b'liġi, u li allura ma għandux vires ċar u eżawrjenti, għandu l-poter li jmexxi investigazzjoni ta' natura kważi-penali mingħajr ma jagħti lit-taxpayer investigat iċ-ċertezza legali li jkun jaf x'inhuma l-poteri ta' l-istess korp investigattiv. Din il-posizzjoni tikkontrasta bis-saħħa ma' korpi oħrajn li għandhom poteri kważi-penali u li għandhom il-mansjoni tagħhom regolata b'liġi ċara u pubblika, fosthom inter alia, l-Internal Audit and Investigation Department (stabbilit u regolat bl-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji - Kap.461 tal-Liġijiet ta' Malta) jew il-Financial Intelligence Analysis Unit Unit, (stabbilit u regolat bl-Att kontra Money Laundering - Kap.373 tal-Liġijiet ta' Malta). Illi dan in-nuqqas ta' regolamentazzjoni tat-Tax Compliance Unit, issarraf f'investigazzjoni arbitrarja fejn l-awdituri, bid-dovut rispett lejhom u lejn xogħolhom, ikollhom carte blanche ta' kif jistgħu jiksbu informazzjoni mingħajr l-obbligu li jikkorroboraw tali informazzjoni. Illi di più, minħabba dan il-vacuum legali, il-proċedura mħaddna mill-istess Tax Compliance Unit hija waħda ad hoc u timxi skond policies viġenti minn żmien għal żmien. Sfortunatament ma teżisti ebda struttura li tiggarantixxi l-ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali tat-taxpayer meta jsiru l-investigazzjonijiet mit-Tax Compliance Unit*[18].

Dak affermat mir-Rikorrent fir-rigward tat-Tax Compliance Unit dwar l-inkarigu/i tagħha u l-poteri u setgħat investigattivi tagħha biex tinvestiga *tax payer* fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi, però huwa għal kollox skorrett u żbaljat u b'hekk insostenibbli.

Jibda biex jingħad illi l-Artikolu 3(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-amministrazzjoni ta' dan l-Att hija vestita fil-Kummissarju tat-Taxxi, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "il-Kummissarju", li jkun uffiċjal pubbliku maħtur għaldaqshekk mill-Prim' Ministru.* In forza tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, ***il-Kummissarju jista' jiddelega lil kull uffiċjal pubbliku kull dritt, dmir, setgħa u funzjoni oħra li tkun fih vestita, lilu mogħtija jew imqiegħda fuqu b'dan l-Att***[19] - dan il-provvediment tal-Liġi għalhekk jagħti lill-Kummissarju tat-Taxxi s-setgħa u l-awtorizzazzjoni li jista' jiddelega l-funzjonijiet, drittijiet, setgħat u dmirijiet tiegħu kif nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

---

[18] Fol. 48 u 49 tal-proċess.
[19] Enfasi tat-Tribunal.

Għal kull buon fini jiġi osservat li l-Artikolu 3(1) ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk mill-aspett u fl-ambitu tat-taxxa fuq l-income, jipprovdi li *l-amministrazzjoni ta' dan l-Att u ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, (li hawnhekk iżked 'il quddiem qed jissejħu flimkien "l-Att dwar it-Taxxi") hi mogħtija lill-Kummissarju* ***li jista' bil-miktub u skond dawk il-limitazzjonijiet li jidhrulu xierqa, jiddelega lil kull persuna dawk id-drittijiet, id-dmirijiet, is-setgħat u l-funzjonijiet oħra li hu għandu jew mogħtija lilu jew imposti fuqu bl-Atti dwar it-Taxxi[20].***

It-Tax Compliance Unit hija Dipartiment tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 8 tal-Kap.497 tal-Liġijiet ta' Malta u tat-Tieni Skeda ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta, u kull uffiċjal ta' tali Unit huwa uffiċjal pubbliku, u għaldaqstant ai termini ta' l-Artikolu 3(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta (u anke l-Artikolu 3(1) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet ta' taxxa fuq l-income), il-Kummissarju tat-Taxxi - u qablu l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - jista' jiddelega kull dritt, dmir, setgħa u funzjoni oħra li tkun fih vestita, lilu mogħtija jew imqiegħda fuqu bl-Att in kwistjoni. Kwindi altru milli din id-delega ma hijiex prevista u b'hekk permessa mill-Liġi u altru wkoll li t-*taxpayer* konċernat ma jafx u/jew ma jistgħax ikun jaf b'ċertezza x'inhuma u sa' fejn iwasslu l-poteri investigattivi tat-Tax Compliance Unit.

Ai termini ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju tat-Taxxi, *jista' f'kull żmien matul iż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4), jeħtieġ lil kull persuna li tipproduċi jew jista' jeleva mingħand kull persuna,* ***inkluż terza persuna[21]****, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika meħtieġa li jinżammu minnha bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jagħmel kopji tagħhom.* Din is-setgħa tal-Kummissarju tat-Taxxi, vestita wkoll fit-Tax Compliance Unit meta tkun delegata twettaq investigazzjoni fil-konfront ta' taxpayer u/jew settur partikolari fis-suq jew fl-ekonomija tal-pajjiż, tagħti b'mod ċar ħafna kull dritt lill-Kummissarju tat-Taxxi jew lit-Tax Compliance Unit minnu delegata, jottjeni d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u *data* elettronika meħtieġa li jinżammu ai termini tal-Liġi, mingħand terza persuna jekk u meta, hekk kif ġara fil-każ in eżami, it-*taxpayer* jonqos milli jagħmel dan hu minn jeddu fuq talba mill-Kummissarju jew Tax Compliance Unit. Għaldaqstant fil-każ in eżami, it-Tax Compliance Unit kellha kull dritt u setgħa li tottjeni informazzjoni fir-rigward tar-Rikorrent, senjatament fir-rigward tax-xiri minnu mwettaq u tal-bejgħ minnu magħmul, minn sorsi terzi ladarba r-Rikorrent għażel li ma jipprovdix tali informazzjoni huwa stess.

In fine t-Tribunal josserva li l-għejun minn fejn it-Tax Compliance Unit ġabet l-informazzjoni fuq liema bbażat ir-Rapport tagħha fil-konfront tar-Rikorrent ma kienux xi għejun injoti li per di più nżammu mistura mir-Rikorrent, kif invece minnu allegat. In effetti mir-Rapport tat-Tax Compliance Unit kjarament jirriżulta li l-maġġor parti ta' l-informazzjoni ġabitha minn għejun uffiċjali fejn saru dikjarazzjonijiet dwar ix-xiri kemm mir-Rikorrent stess kif ukoll mill-provdituri tiegħu. Sosri oħra, fir-rigward tal-bejgħ, huma żewġ klijenti tar-Rikorrent stess li indikaw il-prezz li bih ir-Rikorrent inifsu begħhilhom il-birra. Għaldaqstant, it-Tribunal itenni li ma jsib u ma jara assolutament xejn assurd, illoġiku jew skorrett fil-konklużjonijiet raġġunti mit-Tax Compliance Unit u per konsegwenza fl-istima maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fil-

[20] Enfasi tat-Tribunal.
[21] Enfasi tat-Tribunal.

konfront tar-Rikorrent għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07, anzi jqis li l-istess konklużjonijiet u konsegwenti stima maħurġa mill-Kummissarju huma ġusti u korretti.

Ir-Rikorrenti jillanja wkoll mill-imposizzjoni fuqu ta' taxxa amministrattiva u imgħax, oltre t-taxxa stmata bħala dovuta bl-istima hekk maħruġa fil-konfront tiegħu. Fir-rigward it-Tribunal jagħmel referenza għall-Artikoli 21(4) u 37(1) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta li kjarament jipprovdu li l-imgħax ikun dovut fuq kull taxxa li ma titħallasx sad-data li fih jkollha titħallas u li tiġi imposta penali amministrattiva għal denunzja li ma tkunx korretta. Ladarba fil-każ in eżami entrambe dawn ir-rekwiżiti jissussistu, allura l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud ġustament għadda biex , oltre t-taxxa dovuta, jimponi taxxa amministrattiva u imgħax fuq ir-Rikorrent għall-perijodu ta' taxxa in kwistjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-Rikorrent mill-istima maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għall-perijodu ta' taxxa 01.02.07-30.04.07, u minflok jikkonferma l-istess imsemmija stima.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

A tenur tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi notifikata lir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**